**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/141/16/S

Simon Lentini
Vs
Solar Solutions Ltd

Illum 19 ta'Lulju,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Simon Lentini pprezentata fit-28 ta'Gunju,2016 u r-risposta tas-socjeta Solar Solutions Ltd ipprezentata fis-6 ta'Lulju,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fis-seduta tas-17 ta'Novembru,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda bejgh ta' sistema ta pannelli fotovoltajici u s-socjeta li pprovdiet il-'website' m'ghadiex topera bil-konsegwenza li r-rikorrent ma jistax jara l-kwantita ta'elettriku generat mis-sistema tieghu fuq il-kompjuter;

Illi jinghad mal-ewwel li ma ngabet ebda prova konklussiva li l-'website' li fuqha qed jilmenta r-rikorrent hi tas-socjeta intimata jew hi responsabbli ghaliha;

Illi jinghad ukoll li ma sar ebda ilment fir-rigward tas-sistema fotovoltajika;

Illi s-socjeta intimata pprezentat kopja ta' "invoice" (Dok C) li tikkonferma li r-rikorrent ma hallas xejn lis-socjeta intimata fir-rigward tal-imsemmija 'website';

Illi gie konfermat li s-socjeta intimata zammet biss il-prezz tal-'modem' li jiswa' €265.77 u fil-fatt hemm imnizzel fl-istess 'invoice' hdejn id-dettalji tal-'modem', il-kliem

"*supply only*" li jikkonferma il-verzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta intimata;

Illi mill-provi mressqa quddiem dan it-Tribunal, ma jirrizultax li hemm lok ghar-rexissjoni tal-kuntratt ta'bejgh tal-imsemmija Sistema gjaladarba tahdem sew;

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-talba rikorrenti hi wahda li ma tistax tintlaqa' fl-intier tahgha izda s-socjeta intimata ghandha thallas lir-rikorrent is-somma ta' €265.77 prezz tal-'modem' kif fuq inghad;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Simon Lentini filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Solar Solutions Ltd izda Jordna lis-socjeta Solar Solutions Ltd thallas lil Simon Lentini s-somma ta' €265.77 prezz tal-'modem', b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru